MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2009

Numru 953/2004

PULIZIJA
SPETTUR THERESE SCIBERRAS
VS
HENRY GALEA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Henry Galea ta’ 48 sena, mwieled Sliema nhar it-30 ta’ Gunju 1955, iben il-mejjet Frances u Tereza nee’ Trapani, residenti Block 1B Flat 3 Awrikarja Square, San Gwann u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 459355(M).

Illi huwa akkuzat talli, f’dawn il-Gzejjer, nhar il-21 ta’ Settembru 2004 u fil-jiem ta’ qabel ghall-habta ta’ nofs in-nhar gewwa Block 1B Flat 3 Awrikarja Square San Gwann ikkaguna offiza gravi li ddum ghal tletin gurnata jew izjed fuq il-persuna ta’ Maria Theresa Galea skond ma ccertifika Dr. C. Caruana u dan bi ksur tal-Kap.9 sezzjoni 216 (1d) tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol.2) u dak ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Semghet l-istess konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, Henry Galea, hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 216(1d) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' sena taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena qed tigi akkordata in vista tal-fatt illi l-imputat jinstghab aflitt minn marda terminali, u fil-mori tal-kawza martu haffret inkondizzjonalment lil zewgha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------